MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2010

Avviz Numru. 359/2009

**Vodafone Malta Limited C-10865**

**vs**

**Europe Executive Jet Services Limited C-41990**

## Il-Qorti:-

Rat ir-rikors ipprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar il-hamsa w ghoxrin (25) ta' Settembru 2009, fejn is-socjeta' attrici talbet lill-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta' tlett elef tmien mija u tlieta u tletin Ewro u tlieta u tletin centezmu (€3833.33) rapprezentanti prezz ta' servizzi ta' telefonija cellulari rezi mis-socjeta' rikorrenti lis-socjeta' ntimata.

Is-socjeta' ntimata, minkejja li nterpellata diversi drabi sabiex thallas, baqghet inadempjenti..

Bl-ispejjez u bl-imghax mid-data ta’ meta l-ammont pretiz kien dovut sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta’ ntimata li hija ngunta in subizzjoni.

Semghet lill-**Marixxal Ivan Spiteri Bianchi** jixhed nhar is-sebgha w ghoxrin (27) t’April 2010 u jghid li huwa mar biex jinnotifika lis-socjeta’ ntimata fl-indirizz moghti fl-avviz, u hemmhekk sab li kien l-ufficcju tal-avukati Fenech & Fenech, u sab lil certu Dr.  Bonnici li rrifjutat li tiehu l-ingunzjoni.  Mistoqsi min kienet il-persuna ta’ Dr. Bonnici, x-xhud wiegeb li kienu ghaddew tlett xhur u ghalhekk ma kienx posssibli ghalih li jiftakar aktar minn dak li xehed dwaru.

Rat illi l-konvenut kien debitament notifikat skond riferta posittiva tal-Marixxal Ivan Spiteri Bianchi datata sbatax (17) ta’ Gunju 2010, fejn is-socjeta’ konvenuta inghatat kopja tar-rikors.

Illi fis-seduta tal-hamsa (5) ta’ Lulju 2010, is-socjeta’ attrici pprezentat kapitolu fil-konfront tas-socjeta’ konvenuta.

Rat illi fis-seduta tat-tlettax (13) ta’ Lulju 2010 s-socjeta’ konvenuta giet imsejha izda ma dehirtx, la biex tikkontesta t-talba attrici u lanqas biex tirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur tas-socjeta’ attrici tghid li d-debitu ghadu dovut, issib li t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa’ t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas  lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ tlett elef tmien mija u tlieta u tletin Ewro w tlieta u tletin centesmu (€3833.33) ghar-ragunijiet indikati fir-rikors, bl-imghaxijiet legali skond il-Ligi.**

**Bl-ispejjez kontra is-socjeta’ konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------